A.L. 193 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,200,000 3% 'Stock' Lokali ta' obbligazzjonijiet f'isem il-portatur għall-Iżvilupp 1995

IL-ĦAMES ĦRUĠ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(b) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm1,200,000 3% *Stock* Lokali ta' obbligazzjonijiet għall-Iżvilupp 1995, (il-Ħames Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*stock*.

1. L-i*stock* ta' obbligazzjonijiet jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija. L-i*stock* ser ikun għall-bejgħ mid-9.00 a.m. tat-Tnejn, 19 ta' Novembru, 1990 sa nofs in-nhar ta' l-1 ta' Diċembru, 1990 jew sa data qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* ta' obbligazzjonijiet tkun ta' Lm1,200,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sena fl-1 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.00,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-2 ta' Diċembru, 1990 u l-1 ta' Diċembru, 1991, għandu jsir fl-1 ta' Diċembru, 1991.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm12,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-2 ta' Diċembru, 1990.

Fidwa ta' *Stock*.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parita' fl-1 ta' Diċembru, 1995 kif stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.

Tirrevoka l-A.L. 186 ta' l-1990.

6. Id-Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,200,000 3% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1995, pubblikata bl-Avviż Legali Nru. 186 ta' l-1990, hija b'dan revokata.